# L-ISTORJA TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

L-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) hija r-riżultat ta' integrazzjoni ekonomika progressiva fl-Unjoni Ewropea. Hija espansjoni tas-suq uniku tal-Unjoni Ewropea, b'regolamenti komuni dwar il-prodotti u l-moviment liberu tal-merkanzija, il-kapital, il-ħaddiema u s-servizzi. Ġiet introdotta munita komuni, l-euro, fiż-żona tal-euro, li attwalment tinkludi 19-il Stat Membru tal-Unjoni. It-28 Stat Membru kollha – bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u d-Danimarka – jeħtiġilhom jadottaw l-euro wara minimu ta' sentejn parteċipazzjoni fl-ERM II u wara li jkunu ssodisfaw il-kriterji ta' konverġenza. Ġiet stabbilita politika monetarja unika mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u ġiet ikkomplementata b'politiki fiskali armonizzati u politiki ekonomiċi kkoordinati. Fi ħdan l-UEM ma hemm l-ebda istituzzjoni unika responsabbli mill-politika ekonomika. Minflok, ir-responsabbiltà hija maqsuma bejn l-Istati Membri u d-diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— Id-Deċiżjonijiet tas-Summits Ewropej li saru fl-Aja (1969), f'Pariġi (1972), fi Brussell (1978), f'Hannover (1988), f'Madrid u fi Strasburgu (it-tnejn li huma fl-1989) u f'Maastricht (1991-1992).

— L-Artikoli 119-144, l-Artikolu 219 u l-Artikoli 282-284 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

— Il-protokolli annessi mat-TFUE dwar it-tranżizzjoni għat-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-proċeduri ta' defiċit eċċessiv u l-iżbilanċi makroekonomiċi, il-kriterji ta' konverġenza, il-klawżoli opt-out għar-Renju Unit u d-Danimarka, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Grupp tal-Euro.

## L-OBJETTIVI

L-UEM hija r-riżultat ta' integrazzjoni ekonomika progressiva, u għaldaqstant mhijiex objettiv fiha nnifisha. Il-ġestjoni tal-UEM hija mfassla biex tappoġġja tkabbir ekonomiku sostenibbli u rata għolja ta' okkupazzjoni permezz ta' tfassil xieraq ta' politika ekonomika u monetarja. Dan jinvolvi tliet attivitajiet ekonomiċi prinċipali: (i) implimentazzjoni tal-politika monetarja bl-objettiv ta' stabbiltà fil-prezzijiet; (ii) koordinament tal-politiki ekonomiċi fl-Istati Membri; (iii) garanzija tal-funzjonament mingħajr problemi tas-suq uniku.

## IL-KISBIET

Illum il-ġurnata l-euro huwa parti mill-ħajja ta' kuljum fi 19-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar mill-aħħar, l-Istati Membri l-oħra se jadottaw l-euro. Bla dubju, il-munita unika għandha l-vantaġġi tagħha: traħħas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, tiffaċilita l-ivvjaġġar, issaħħaħ ir-rwol tal-Ewropa fil-livell internazzjonali, eċċ.

## L-ISTORJA TAL-UEM

Fis-Summit li sar fl-Aja fl-1969, il-Kapijiet tal-Istati ddefinixxew objettiv ġdid tal-integrazzjoni Ewropea: l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Grupp immexxi mill-Prim Ministru tal-Lussemburgu ta' dak iż-żmien, Pierre Werner, fassal rapport li ppreveda l-kisba ta' unjoni ekonomika u monetarja sħiħa fi żmien għaxar snin skont pjan ta' diversi stadji. L-għan aħħari kien li tinkiseb liberalizzazzjoni sħiħa tal-movimenti tal-kapital, il-konvertibbiltà totali tal-muniti tal-Istati Membri u l-iffissar irreversibbli tar-rati tal-kambju. Il-kollass tas-sistema ta' Bretton Woods u d-deċiżjoni tal-Gvern tal-Istati Uniti f'nofs is-sena 1971 li jħalli l-fluttwazzjonijiet tad-dollaru, wasslu għal mewġa ta' instabbiltà fil-kambji li xeħtet dubju serju fuq il-paritajiet bejn il-muniti Ewropej. Il-proġett tal-UEM ġie interrott immedjatament.

Fl-1972, permezz tas-Summit ta' Pariġi, l-UE ppruvat tagħti spinta ġdida lill-integrazzjoni monetarja billi ħolqot "is-serp fil-mina": mekkaniżmu għall-fluttwazzjoni kkontrollata tal-muniti nazzjonali ("is-serp") f'marġini limitati ta' fluttwazzjoniet fir-rigward tad-dollaru ("il-mina"). Imfixkel bil-kriżi taż-żejt, bid-dgħufija tad-dollaru u b'differenzi fil-politika ekonomika, f'anqas minn sentejn "is-serp" tilef ħafna mill-membri tiegħu, u finalment tnaqqas għal "żona tal-mark Ġermaniż" li inkludiet il-Ġermanja, il-pajjiżi tal-Benelux u d-Danimarka.

Il-ħolqien tas-Sistema Monetarja Ewropea (EMS). Fl-1978 ġew imġedda sforzi biex tiġi stabbilita żona ta' stabbiltà monetarja, permezz tas-Summit ta' Brussell, u l-ħolqien tas-Sistema Monetarja Ewropea (SME), abbażi tal-kunċett ta' rati ta' skambju fissi iżda aġġustabbli. Il-muniti tal-Istati Membri kollha, għajr tar-Renju Unit, ipparteċipaw f'mekkaniżmu tar-rata tal-kambju magħruf bħala ERM I. Ir-rati tal-kambju ġew ibbażati fuq rati ċentrali fir-rigward tal-Unità Monetarja Ewropea jew l-ECU (għall-ewwel magħrufa bħala l-Unità Ewropea tal-Kontijiet), li kienet medja ponderata tal-muniti parteċipanti. Ġiet ikkalkulata grilja ta' rati bilaterali li abbażi ta' dawn ir-rati ċentrali espressi f'ECU, u l-fluttwazzjonijiet tal-muniti kellhom jinżammu f'marġini ta' 2,25 % fuq kull naħa tar-rati bilaterali (bl-eċċezzjoni tal-lira Taljana, li għaliha tħalla marġini ta' 6 %). Fuq perjodu ta' għaxar snin, l-SME ħadmet ħafna biex tnaqqas il-varjabbiltà tar-rata tal-kambju: il-flessibbiltà tas-sistema, flimkien mar-rieda politika għal konverġenza ekonomika, kisbu stabbiltà sostenibbli tal-munita.

Bl-adozzjoni tal-Programm għal Suq Uniku fl-1985, deher aktar biċ-ċar li l-potenzjal tas-suq intern ma setax jiġi sfruttat bis-sħiħ sakemm jibqgħu jippersistu kostijiet ta' tranżazzjoni relattivament għoljin marbuta mal-konverżjoni tal-muniti u l-inċertezzi marbuta mal-fluttwazzjonijiet tar-rata tal-kambju, żgħar kemm huma żgħar. Barra minn hekk, ħafna ekonomisti kkundannaw dak li huma sejħu t-"trijanglu impossibbli", peress

li l-moviment liberu ta' kapital, l-istabbiltà tar-rata tal-kambju u l-politiki monetarji indipendenti kienu inkompatibbli fuq terminu twil ta' żmien.

Fl-1988, il-Kunsill Ewropew ta' Hannover stabbilixxa kumitat biex jistudja l-UEM taħt il-presidenza ta' Jacques Delors, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ta' dak iż-żmien. Ir-rapport tal-kumitat imressaq fl-1989, ippropona li tissaħħaħ l-introduzzjoni tal-UEM fi tliet fażijiet. B'mod partikolari, dan enfasizza l-ħtieġa ta' koordinament aħjar tal-politiki ekonomiċi, li jiġu introdotti regoli li jkopru d-defiċits tal-baġits nazzjonali, filwaqt li titwaqqaf istituzzjoni ġdida, kompletament indipendenti, li tkun responsabbli mill-politika monetarja tal-Unjoni: il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Abbażi tar-rapport Delors, fl-1989, il-Kunsill Ewropew ta' Madrid iddeċieda li jagħti bidu għall-UEM, jiġifieri l-liberalizzazzjoni totali tal-moviment tal-kapital minn dak iż-żmien sal-1 ta' Lulju 1990.

F'Diċembru 1989, il-Kunsill Ewropew ta' Strasburgu għamel appell għal konferenza intergovernattiva li tidentifika liema emendi kienu meħtieġa li jsiru fit-Trattat sabiex tinkiseb l-UEM. Il-ħidma ta' din il-konferenza intergovernattiva wasslet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li ġie adottat formalment mill-Kapijiet tal-Istati jew Gvernijiet fil-Kunsill Ewropew ta' Maastricht f'Diċembru 1991 u ffirmat fis-7 ta' Frar 1992.

It-Trattat jipprevedi li l-UEM tiġi introdotta fi tliet fażijiet:

— Fażi 1 (mill-1 ta' Lulju 1990 sal-31 ta' Diċembru 1993): moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri;

— Fażi 2 (mill-1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Diċembru 1998): konverġenza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-koordinament tal-politiki monetarji ġie istituzzjonalizzat permezz tal-ħolqien tal-Istitut Monetarju Ewropew (IME), li l-kompitu tiegħu kien li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali nazzjonali u jwettaq il-preparamenti meħtieġa għall-introduzzjoni tal-munita unika. F'din il-fażi, il-banek ċentrali nazzjonali kellhom isiru indipendenti;

— Fażi 3 (fis-seħħ sa mill-1 ta' Jannar 1999): l-introduzzjoni gradwali tal-euro bħala l-munita unika tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni ta' politika monetarja komuni taħt l-awspiċji tal-BĊE. It-tranżizzjoni għat-tielet fażi kienet soġġetta għall-kisba ta' livell għoli ta' konverġenza sostenibbli, imkejjel fir-rigward ta' għadd ta' kriterji stabbiliti mit-Trattati. Ir-regoli baġitarji kellhom isiru vinkolanti u Stat Membru li ma jikkonformax magħhom x'aktarx kellu jiffaċċja penali. Ġiet introdotta politika monetarja unika u ġiet fdata lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), magħmula mill-banek ċentrali nazzjonali u l-BĊE.

L-ewwel żewġ fażijiet tal-UEM ġew konklużi. It-tielet fażi għadha fis-seħħ. Fil-prinċipju, l-Istati Membri kollha tal-UE se jkollhom jingħaqdu f'din l-aħħar fażi u b'hekk jadottaw l-euro (l-Artikolu 119 tat-TFUE). Madankollu, ċerti Stati Membri għadhom ma ssodisfawx il-kriterji ta' konverġenza. Konsegwentement dawk l-Istati Membri jibbenefikaw minn deroga proviżorja sakemm ikunu jistgħu jingħaqdu fit-tielet fażi tal-UEM. Barra minn hekk, ir-Renju Unit u d-Danimarka nnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li ma jipparteċipawx fit-tielet fażi tal-UEM u għaldaqstant ma jadottawx l-euro. Għalhekk dawn iż-żewġ Stati Membri huma eżenti mill-parteċipazzjoni fl-UEM. L-arranġamenti tal-eżenzjoni huma mogħtija fid-dettall fil-protokolli dwar iż-żewġ pajjiżi, annessi mat-Trattati fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, ir-Renju Unit u d-Danimarka jirriżervaw l-għażla li jtemmu

l-eżenzjoni tagħhom u jippreżentaw applikazzjonijiet biex jingħaqdu fit-tielet fażi tal-UEM. Attwalment, 19 mit-28 Stat Membru, ingħaqdu fit-tielet fażi tal-UEM u b'hekk għandhom l-euro bħala l-munita unika.

Wara l-kriżi Ewropea tad-dejn sovran, il-mexxejja tal-UE wiegħdu li jsaħħu l-UEM, inkluż billi jtejbu l-qafas ta' governanza tagħha. Fl-2015, abbażi ta' inizjattiva simili tal-2012, il-Presidenti tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Kunsill Ewropew, tal-Grupp tal-Euro, tal-BĊE u tal-Parlament Ewropew ippubblikaw rapport bit-titolu "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa" (magħruf bl-isem: "Ir-rapport tal-ħames Presidenti"). Ir-rapport stabbilixxa pjan ta' riforma bl-għan li tinkiseb Unjoni ekonomika, finanzjarja, fiskali u politika kompluta fi tliet stadji (mhux aktar tard mill-2025).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament Ewropew ipparteċipa bħala koleġiżlatur indaqs fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja fl-adozzjoni tar-regoli dettaljati għal sorveljanza multilaterali (l-Artikolu 121(6) tat-TFUE). Dan jinvolvi, fost affarijiet oħra, il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, kif ukoll sorveljanza makroekonomika iktar diliġenti li timpedixxi żbilanċi li huma ta' ħsara wara dak li ġara fil-kriżi finanzjarja. Is-"six-pack" saħħaħ ir-rwol tal-Parlament fil-governanza ekonomika tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni tas-"Semestru Ewropew" u t-twaqqif ta' "Djalogu Ekonomiku". Barra minn hekk, il-Parlament huwa kkonsultat fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

— ftehimiet dwar ir-rati ta' kambju bejn l-euro u l-muniti li mhumiex tal-Unjoni Ewropea,

— l-għażla tal-pajjiżi eleġibbli biex jingħaqdu mal-munita unika fl-1999 u sussegwentement,

— il-ħatra tal-President, il-Viċi President u tal-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE,

— leġiżlazzjoni li timplimenta l-proċedura li tiġi fis-seħħ f'każ ta' defiċit eċċessiv skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Dirk Verbeken / Dražen Rakić
05/2019